MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru 1249/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**vs**
**Joseph Compagno**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Compagno** ta' 24 sena, bin Wilfred u Beverly Claire nee' Hodge, mwieled Pieta nhar il-25 ta' Gunju, 1982 u residenti Block C, Flat 3, Triq in-Nadur, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 405382M;

Talli nhar is-26 ta' Novembru, 2006 ghall-habta tat-03.15am gewwa Hal-Balzan u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol, izda biss bil-hsieb li taghmel offizi gravi, ikkagunajt feriti hfief fuq il-persuni ta' PC 252 Stephen Mallia u PC 40 Raymond Saliba waqt il-qadi ta' dmirijithom, hekk kif iccertifika Dr. R. Grixti (Reg. No. 2826) tal-Isptar San Luqa;

2. Volontarjament hassart, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, vettura tal-Pulizija Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni GVP-534 u hsara fl-ghassa ta' Hal-Balzan kollha ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara tammonta izjed minn hames mitt lira Maltin (Lm500).

3. Ingurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PC 40 Raymond Saliba u PC 252 Stephen Mallia u pulizija ohra.

4. Ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra l-Pulizjia PC 252 Stephen Mallia u PC 40 Raymond Saliba u pulizjia ohra waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi.

5. Bi vjolenza jew b'thedid igiegel ufficjal pubbliku u cioe' lil PC 252 Stephen Mallia u PC 40 Raymond Saliba u ufficjali ohra tal-Pulizija li ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.

6. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt li kienu qed jaqdu id-doveri taghhom jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

7. Kellek fil-pussess tieghek jew fil-kontrol tieghek arma regoalri jew irregolari cioe' sikkina barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zammejt u garrejt l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

8. Ingurjajt u heddidt b'oggett iebes, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil PC 40 Raymond Saliba, PC 252 Stephen Mallia u pulizija ohra, kif ukoll lil membri tal-pubbliku ohra.

9. F'lok pubbliku jwe miftuh ghall-pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat.

10. Ghidt kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha

11. F'lok fil-pubbliku inzajt gharwien jew ma kontx liebes xieraq;

12. Bil-lejl, ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod

13. F'kaz ta' htija l-Qorti ghandha taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna lil hati jew hatjin cioe' lil Joseph Compagno, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas lir-registratur ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni u dan ai termini tal-artikoli 533 tal-Kap 9 et sequitur

14. Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-imputat ihallas il-hsarat kollha tal-propjeta' tal-Gvern danegata f'dan l-incdident.

15. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

16. Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta ma' l-imputat Joseph Compagno talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti tal-Magistrati diversametn

preseduta f'sentenzi datati 5 ta' Lulju, 2004, meta kont gejt misjub ta' reat u gejt mehlus b'kundizzjoni ghal zmien tlett snin (Art. 7. Kap 446)

17. Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 40 Raymond Saliba u PC 252 Stephen Mallia u dan skond Art. 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-11 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 221(1)(2), 325, 95, 96, 91, 338(ee)(dd)(bb)(m)u (q), 49, 50, 533 Kap 9 u artikolu 7 tal-Kap 446 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi kif verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2007 fl-istadju Istruttorju ta' din il-kawza, l-imputat ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu. Huwa qatt ma rtira din l-ammissjoni u fis-seduta tal-25 t'Ottubru, 2007 wara li allura kienu inqraw l-artikoli l-imputat ikkonferma l-istqarrija moghtija minnu lill-pulizija u esebita a fol.19 sa 21 tal-process.

Rat illi l-ammissjoni tal-imputat hija kompatibbli max-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 18, 214, 221(1)(2), 325, 95, 96, 91, 338(ee)(dd)(bb)(m) u (q), 49, 50, 533 Kap 9 u artikolu 7 tal-Kap 446;

Rat il-fedina penali refrattarja tal-imputat;

Tikkundannah ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ 18-il xahar mil-lum dwar l-akkuzi kollha hlief ghal dik rigwardanti l-ksur tal-kondizzjoni imposta bis-sentenza tal-5 ta’ Lulju 2004 u dan ghaliex l-prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sentenza relattiva u ghal dan il-ghan tibghat lill-imputat sabiex ikun trattat minn dik il-Qorti li mponiet dawk il-kondizzjonijiet skond id-dispost tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas tad-danni kawzati lill-Kummissarju tal-Pulizija sa zmien sena mill-lum.

Inoltre tobbliga lill-imputat ma jimmolestaw u/jew ma jdejjeqx lill-PC40 Raymond Saliba u PC 252 Stephen Mallia fuq penali ta’ Euro 500 fin-nuqqas ghal zmien ta’ sena minn meta jiskonta l-piena fuq inflitta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------